FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

20 ta' Mejju 2015

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tat-Tieni (02) laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjah it-Tieni (02) Laqgha tas-Seba' Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Gimgha 15 ta' Mejju 2015 fil-5.30pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Materji / Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Indafa fil-Floriana
10. Genna ta` Gonna…u Hafna Aktar!!!
11. Muzew fil-Floriana
12. Attivita' tal-Milied fuq il-Fosos
13. Centru Rikreattiv re Gorg V
14. Traffiku u Parkegg
15. Latrini Pubblici hdejn Bieb il-Bombi
16. Evalwazzjoni ta Offerti.
17. Progett ta` Taht il-Forka.
18. Attivita Sajfija mal-Ghaqdiet
19. Aggornament tal-Laqgha

Ghat-Tieni (02) laqgha tas-Seba' Kunsill kien hemm prezenti **is-Sindku Davina Sammut, il-Kunsillier James Aaron Ellul u l-Kunsillier Vincent Borg flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**
**Il-Kunsillier Matthew Paris attenda wara materja nru 2.1.**
**Il-Vici Sindku Ivan Hallett attenda wara materja nru 3.2.**
**L-Ambaxxatrici Lokali ghaz-Zghazagh Michaela Farrugia ma kinitx prezenti.**

Bidu tal-laqgha:
Il-laqgha nfethet permezz ta' talba zghira mis-Sindku Davina Sammut.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tal-ewwel (01) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Il-minuti msemmija f'1.1 gew approvati unanimament, wara li tressqet mozzjoni mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier James Ellul . Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Ma kien hemm l-ebda punti mqajjma mill-minuti.

**Nota: 17:32 Il-Kunsillier Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Davina Sammut issuggeriet li l-Kunsill jibghat cirkolari lir-residenti kollha tal-lokalita' li biha l-Kunsill jgharraf bis-servizzi tal-gbir ta' skart in-normali kif ukoll dak goff, u servizzi ohra in generali li joffri l-Kunsill. Is-Sindku qalet li l-Kunsill irid izid l-awareness dwar ir-rimi tal-iskart u ghalhekk ic-cirkolari ghandha tinkludi kull dettall relatat. Hija pproponiet li c-cirkolari tkun tinkludi wkoll id-dettalji tal-kunsillieri sabiex dawn ikunu jistghu jigu kkuntattjati. Is-Sindku Davina Sammut talbet li tali cirkolari tkun kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz sabiex tkun tista' tilhaq lir-residenti kollha. Il-Kunsill qabel.

3.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li l-Kunsill jadotta l-prassi li kull komunikazzjoni tkun kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 17:35 Il-Vici Sindku Ivan Hallett attenda ghal-laqgha.**

3.3 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li nnota li fil-lista tad-dekasteri, kien hemm xi dekasteri li kienu gew ripetuti darbtejn. Is-Segretarju Ezekuttiv talab lill-kunsillieri biex sat-Tnejn ta' wara, jikkonfermaw id-dekasteri taghhom.

3.4 Is-Sindku Davina Sammut ipproponiet li l-Kunsill jikteb ittri ufficjali lis-Segretarji Parlamentari kif ukoll lill-Ministeri sabiex il-Kunsill jiltaqa' maghhom u jiddiskuti certi materji.

3.5 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill li dakinhar kienet inzammet laqgha mal-Wasteserv fejn offrew lill-Kunsill li jattendu xi attivitajier li jorganizza l-Kunsill sabiex jippromwovu s-servizz moghti minnhom, kif ukoll jedukaw lin-nies dwar dak li jsir minnhom. Is-Sindku qalet li huma kienu talbu li jarmaw stand f'xi attivita' tal-Kunsill biex ikunu jistghu jaghmlu l-promozzjoni taghhom. Is-Sindku Davina Sammut qalet li kienet issuggeriet Genna ta' Gonna... u hafna aktar!! u talbet lill-kunsillieri sabiex jghaddu s-suggerimenti taghhom, u anke jikkonsidraw li jistiednu lill-Wasteserv ghal xi wahda mill-attivitajiet li jkunu ser jorganizzaw.

3.6 Is-Sindku Davina Sammut informat li kienet inzammet ukoll laqgha mal-GreenMT fejn informaha li ghandu jressaq proposta formali lill-Kunsill rigward kambjement fil-Brign in Sites

3.7 Is-Sindku Davina Sammut informat li l-gurnata ta' qabel kienet inzammet laqgha dwar il-progett propost mill-Perit Ian Camilleri li jidher li ser ikun interessanti hafna. Hija qalet li tittama li tinstab l-ghajnuna necessarja sabiex ikun jista' jigi realizzat dan il-progett.

3.8 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghall-Floriana Regenation Forum u ssuggerixxa li din l-idea tkun inkluza f'dan il-forum. Huwa qal li fis-6 ta' Gunju 2015 kien ser jinzamm seminar li matulu kulhadd ghandu jressaq ir-rapport tieghu. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-hsieb kien li l-Kunsill iressaq proposta wahda li fiha tkun tinkludi diversi suggerimenti. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti dan is-suggeriment.

3.9 Is-Sindku Davina Sammut issuggeriet li tintalab laqgha mal-Perit Ian Camilleri li matulha ghandhom jattendu l-kunsillieri kollha sabiex ikun spjegat lilhom x'jinkludi l-progett suggerit kif ukoll jitkellmu mieghu dwar il-proposta suggerita mill-Kunsillier Paris.

3.10 Is-Sindku Davina Sammut informat li kienet inzammet laqgha ma' Dr Ronald Cuschieri mill-ELC sabiex tibda z-zabra tas-sigar. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kienu ressqu talba sabiex ikun hemm gardinar fil-gonna ta' fuq is-sur.

3.11 Is-Sindku Davina Sammut qalet li kienet ukoll ressqet suggeriment sabiex jibda jsir avviz fil-gazzetta tal-Gvern biex b'hekk jinghata d-dritt li jitnehhew il-vetturi li jipparkjaw fin-no parking meta tkun qed issir iz-zabra tas-sigar.

3.12 Is-Sindku Davina Sammut informat ressqet korrispondenza minghand id-DLG fejn informaw lill-Kunsill bil-Peter Serracino Inglot Award u offrew lill-Kunsill sabiex jinnomina lil xi hadd. Il-Kunsill qabel li ghandu jiddiskuti din l-opportunita` u jiddeciedi fil-laqgha li jmiss.

3.13 Is-Sindku Davina Sammut ressqet korrispondenza minghand il-Floriana Basketball Club fejn talbu lill-Kunsill sabiex jaghmlu uzu mill-picc tal-KGV nhar ta' Erbgha u nhar ta' Gimgha mis-6pm sat-8pm. Il-Kunsillier Vincent Borg gibed l-attenzjoni li l-picc mitlub jintuza mit-tfal f'dawk il-hinijiet. Ghalhekk il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li jintuza l-picc iz-zghir. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkonsulta maghhom qabel ma jiehu decizjoni.

3.14 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill b'memo li titratta ristawr ta' postijiet storici.

3.14.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ssuggerixxa li l-Kunsill jipproponi l-Polverista.

3.14.2 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li l-ewwel tintalab id-devoluzzjoni tal-Polverista.

3.14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ssuggerixxa wkoll it-tarag li hemm taht il-gnien tal-Kappuccini.

3.14.4 Is-Sindku Davina Sammut issuggeriet it-tarag li hemm fl-istezz zona li ma jinfidx.

3.14.5 Il-Kunsill qabel li ghandu jressaq iz-zewg proposti li jaqghu that l-istess zona maghrufa bhala l-Polverista u li ghandu jidentifika iz-zona f'hiex tikkonsisti.

3.15 Is-Sindku Davina Sammut ressqet talba minghand is-Sur Sean Fitz li esprima x-xewqa li jinstalla sbatax-il sign fit-toroq.

3.15.1 Is-Segretarju Ezekuttiv spjega z-zoni mitluba u spjega wkoll li l-Kunsill kellu byelaw biex ikun jista' jaghmel dawn it-tip ta' avvizi.

3.15.2 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li kien hemm certu postijiet li kellhom monumenti warajhom u ghalhekk hass li dawn ma kienux postijiet xierqa.

3.15.3 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li hu kien kontra s-sit propost f'Balzunetta.

3.15.4 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu ma jaqbilx li jithallew isiru riklami fi Triq Sant'Anna kif ukoll xi postijiet ohra.

3.15.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li r-responsabbilta' ta' dawn ir-riklami kienet f'idejn il-kuntrattur u wahda mill-kundizzjonijiet kienet li l-kuntrattur irid igib il-permessi kollha necessarji.

3.15.6 Ghalhekk il-Kunsill qabel li ghandu janalizza s-siti mitluba wiehed wiehed.

3.16 Is-Sindku Davina Sammut ressqet memo dwar *shared spaces in urban areas* fejn offrew lill-Kunsill sabiex jippartecipa f'dan il-progett. Il-Kunsill qabel li ghandu jilqa' l-offerta' u jippartecipa fil-progett hekk kif suggerit.

3.17 Is-Segretarju Ezekuttivipprezenta l-management letter u qal li l-abbozz tar-risposta min-naha tieghu kien lest u baqa xi punti tal-Accountant. Huwa qal li kellu jressaq ir-risposta ghall-approvazzjoni tal-Kunsill f'qasir zmien.

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Matthew Paris ghamel riferenza ghall-pjattaforma tal-konkit li hemm fi Pjazza Sir Luigi Preziosi u saqsa jekk kienx hemm xi zviluppi.

4.1.1 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kuntrattur kien hallas sa Marzu. Huwa zied jghid li kellu jivverifika dwar il-pagament dovut minn Marzu l' hemm minhabba li kien hemm xi tibdiliet fil-ligi.

4.1.2 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li kien informat li x-xoghol kien ser jitkompla minhabba li kien hemm applikazzjoni ricenti.

4.1.3 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li applikant ghandu cans sa hames snin biex iwettaw ix-xoghol li jkun applika ghalih.

4.1.4 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li minkejja dan din il- pjattaforma tal-konkrit kienet qed tkerrah iz-zona kif ukoll tiehu spazji ta' parkegg apparti li kienet perikoluza.

4.1.5 Is-Sindku Davina Sammut ipproponiet li l-Kunsill jiktiblu u jistaqsi jekk kienx ser jaghmel uzu mill-bicca concrete b'mod immedjat u f'kaz li le, allura din kellha titnehha sakemm jibda' x-xoghol.

4.1.6 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li nel frattemp, kien hemm bzonn li tiddawwar bil-barriers u bid-dawl necessarju halli tkun sigura. Huwa ppropona li l-Kunsill jibghat ittra rregistrata biex jitolbu jaghmel dan.

4.1.7 Il-Kunsillier Matthew Paris ppropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-applikant. Il-Kunsill qabel.

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Ma kien hemm l-ebda rapporti u minuti tal-kumitati / sottokumitati.

5.2 Is-Sindku Davina Sammut informat li l-Kunsill kien ser jibghat ittra lill-membri kollha tas-sottokumitati u l-kumitati sabiex jara min kien ghadu interessat jerga' jifforma parti.

5.3 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li tintbat lista tas-sotto/kumitati li kien hemm qabel. Il-Kunsill qabel.

5.4 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa li l-Kunsill jinkludi sejha fic-cirkolari li ser tohrog mill-Kunsill dalwaqt. Il-Kunsill qabel.

5.5 Is-Sindku Davina Sammut issuggeriet li tintbat ittra t'interess anke lill-kandidati li kienu hargu ghall-elezzjoni. Il-Kunsill qabel.

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.0 Ma kien hemm l-ebda rapporti minn ufficjali tal-Kunsill.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ghamel riferenza ghall-budget u saqsa jekk kienx hemm xi figuri li l-Kunsill xtaq jemenda.

7.2 Il-Kunsillier Vincent Borg saqsa kemm kien hemm flus allokati ghall-progetti. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ghall-asfaltar kien hemm budget ta' €25000.

7.3 Is-Sindku Davina Sammut saqsa jekk il-Kunsill setax jaghmel pressjoni ma' xi entita' dwar il-flus dovuti mill-progett GARDMED. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li diga kienet qed issir pressjoni flimkien mal-Universita' ta' Malta.

7.4 Is-Sindku Davina Sammut qalet li kellu jinghata sa massimu ta' gimgha u nofs mid-data ta' dakinhar u jekk ma jkunx hemm risposta definittiva, allura kien hemm bzonn li jittiehdu passi.

7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li hu kien kiteb ukoll lil-Lead Partner dwar dan.

7.6 Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa jekk is-Segretarju Ezekuttiv kienx informat b'dak li kien qed izomm il-fondi milli johorgu. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-fondi kienu ilhom hafna biex jaslu u ghalhekk ir-raguni kienet dejjem tinbidel.

7.7 Il-Kunsillier Matthew Paris ippropona li d-draft tal-budget jintbaghat lill-Kumitat tal-Finanzi qabel ma jigi approvat. Il-Kunsill qabel.

7.8 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill biz-zjara li kienet ser taghmel f'Oslo flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv. Hija qalet li kien hemm bzonn li jigi approvat is-subsistence allowance kif ukoll l-insurance. Hija qalet li l-insurance taghha kienet ser thallasha hi minn butha u ghalhekk il-Kunsill ghandu japprova biss l-insurance lis-Segretarju Ezekuttiv. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-ispejjez kollha relatati ma' din iz-zjara kienu ser jigu rimborsati hlief ghall-ispejjez relatati mal-insurance. Il-Kunsill approva li jhallas is-subsistence allowance kif ukoll l-insurance lis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 Il-Kunsillier James Aaron Ellul ressaq u spjega l-mozzjoni tieghu li tghid hekk:
*2/1 – Sabiex inzidu u naggornaw il-mezzi ta' komunikazzjoni tal-Kunsill Lokali Floriana, qed inressaq mozzjoni sabiex jigu rifreskati is-sit tal-Kunsill www.florianalocalcouncil.com*

*u il-pagna tal-Facebook tal-Kunsill, jinfethu Twitter Account u Instagram Account, u li fuqom jibdew jittellaw komunikazzjonijiet kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliz*

8.2 Huwa spjega li qed jipproponi wkoll li jsir account fuq Twitter bl-iem ta' @klfloriana li jkun jista' jintuza ghall-istqarrijiet u d-decizjonijiet tal-Kunsill.

8.3 Huwa spjega wkoll Instagram account li fuqu jkun hemm ritratti tal-lokalita' kif ukoll monumenti u zoni interessanti.

8.4 Il-Kunsillier Ellul qal li b'hekk, il-Kunsill ikollu kollox maghqud f'network wiehed u juza hashtags bhal #malta u #floriana sabiex jippromwovi l-lokalita'.

8.5 Il-Kunsillier James Aaron Ellul issuggerixxa wkoll li l-pagni tal-Kunsill jintuzaw ghal xi kompetizzjonijiet.

8.6 Is-Sindku Davina Sammut issuggeriet li l-istatuses ma jkunux paragrafi twal bhalma kien isir qabel.

8.7 Il-mozzjoni tal-Kunsillier Ellul giet issekondata mill-Kunsillier Matthew Paris u approvata b'mod unanimu.

## 9.0 Indafa fil-Floriana

9.1 Is-Sindku Davina Sammut fethet il-materja billi qalet li l-Kunsill kien talab lil kuntrattur Malcolm Dimech sabiex jaghti spjegazzjoni dwar l-ilmenti li l-Kunsill kien ircieva fil-konfront tieghu. Is-Sindku kompliet billi qrat ir-risposta moghtija mill-kuntrattur.

9.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li kien innota li l-verzjonijiet moghtija fl-istess ittra kienu qed ivarjaw u kien innota dan meta qara l-korrispondenza tal-kuntrattur.

9.3 Is-Sindku Davina Sammut qalet li mill-ahhar laqgha 'il quddiem, l-ilmenti ma kienux waqfu u kien hemm zieda ta' ilmenti matul dik il-gimgha u ta' qabel.

9.4 Is-Sindku Davina Sammut qalet li kienet irceviet ilment minghand resident li ma harigx is-saqqu fuq il-bankina u b'konsegwenza, dan ma ngabarx.

9.5 Hija ziedet tghid li ilmenti ohra kienu jinkludu li l-kuntrattur ihabbat u jibqa' sejjer. Is-Sindku qalet li l-Floriana kellha aging population u ghalhekk il-kuntrattur ma setax ihabbat darba u ma jistennix. Hija qalet li r-risposta tal-kuntrattur kienet li fi Triq il-Kappuccini ma setax jieqaf minhabba li jkun hemm il-vetturi warajh.

9.6 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li s-servizz irid jigi moghti kullimkien.

9.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li t-toroq fil-Floriana kienu kollha dojoq u ghalhekk dil-problema kienet ser tinholoq f'kull triq.

9.8 Il-Vici Sindku Ivan Hallett saqsa kemm ilha din is-sitwazzjoni. Is-Sindku Davina Sammut qalet li ilu hafna hekk. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm bzonn li l-kuntrattur izomm mal-kuntratt specjalment a kwantu ta' hinijiet fejn il-Kunsill kellu jbiddel id-decizjoni tieghu diversi drabi biex jakkomodah.

9.9 Is-Sindku Davina Sammut qalet li l-Kunsill icempel lir-resident l-ghada ta' kull gabra

jistaqsi jekk il-gabra tkunx saret u b'hekk il-Kunsill izomm rendikont ta' dak li ma jkunx qed jingabar.

9.10 Is-Sindku Davina Sammut qalet li in vizta tal-ammont ta' ilmenti li qed jidhlu, hi kienet ser tipproponi default notice. Hija ziedet tghid li jekk is-sitwazzjoni ma tmurx ghall-ahjar, allura kienet ser tipproponi t-terminazzjoni tal-kuntratt. Il-mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Matthew Paris u ghaddiet b'mod unanimu.

9.11 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu ma jhossx li l-Kunsill ghandu joqghod pulizija fuq il-kuntratturi tieghu stess minhabba li dan jirrikjedi ammont ta' rizorsi li jistghu jigu evitati. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ghandu jigi ccarat mal-kuntrattur li l-flus li qed ihallas il-Kunsill kienu flus tajba u ghalhekk is-servizz moghti ghandu jkun ukoll wiehed tajjeb.

9.12 Is-Sindku Davina Sammut qalet li l-Kunsill ghandu jenfasizza mar-residenti li s-servizz ta' gbir ta' skart goff kien ipprovdut bla hlas u jinghata tliet darbiet f'gimgha. Hija ziedet tghid li r-residenti ghandhom ikunu nformati li kull ma jridu jaghmlu kienu li jcemplu jew jirrikorru fl-ufficcju tal-Kunsill sabiex jibbukkjaw il-gabra, u ghalhekk ma kienx hemm lok li jarmu l-affarijiet barra.

9.13 Il-Kunsillier James Aaron Ellul qal li hu jhoss li jekk is-servizz moghti jkun wiehed tajjeb allura n-nies jikkoperaw pero jekk is-servizz moghti jkun hazin, in-nies se jaghmlu fattihom.

9.14 Is-Sindku Davina Sammut qalet li thoss li wasal iz-zmien li tigi rinforzata l-ligi ma' min ikun qed jabbuza mis-sistema.

9.15 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-Floriana qed tkun mahmuga hafna. Il-Kunsillier Ellul qabel ma' dan il-kumment.

9.16 Is-Sindku Davina Sammut qalet li hemm bzonn li tizdied il-frekwenza tat-tindif.

9.17 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hemm bzonn iktar haddiema u li ma kienx possibli li l-lokalita' titnaddaf kollha b'zewg persuni biss. Huwa ta ezempju fejn sal-gimgha ta' qabel kien ghad hemm il-karti tal-festa fit-toroq.

9.18 Il-Kunsillier Matthew Paris ssuggerixxa wkoll li l-Kunsill jaqbad erbgha toroq fix-xahar u jahsilhom. Is-Sindku Davina Sammut qalet li hi taqbel ma' dan is-suggeriment minhabba li thoss li l-indafa ghandha tinghata priorita' fil-lokalita'. Il-Kunsill qabel mas-suggeriment u qabel li ghandu jitlob stima lill-kuntrattur dwar kemm jigi jiswa' l-hasil ta' kull triq sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeciedi kif ser iqassam il-hasil tat-toroq.

9.19 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill li dakinhar kienet inzammet laqgha mal-GreenMT fejn ipproponew li l-bring in sites li hemm fi Triq V. Dimech u fit-Telgha tal-Kurcifiss jitnehhew u jitpoggew f'post wiehed. Hija qalet li minflok il-bring in sites, jitpoggew skips madwar il-lokalita' li fihom ikun jista' jintrema' l-hgieg.

9.20 Is-Sindku Davina Sammut qalet li wahda mill-proposti ghar-rilokazzjoni tal-bring in sites kienet li dawn jitpoggew hdejn il-librerija pubblika. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jahseb li dawn ikunu 'il boghod miz-zona residenzjali u ghalhekk ma jkunux facilment accessibli.

9.21 Is-Sindku Davina Sammut qalet li alternattiva ohra kienet li l-bring in sites jitpoggew hdejn is-CID. Hija qalet li din il-lokazzjoni kienet tghin biex tnaqqas l-abbuz tar-rimi illegali peress li tkun vicin il-Pulizija.

9.22 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li skont il-GreenMT, ikun ahjar jekk il-bring in sites ikunu 'l boghod miz-zona residenzjali ladarba l-iskart riciklat diga jingabar kull nhar ta' Tlieta.

9.23 Il-Kunsillier Matthew Paris saqsa jekk setghetx tigi diskussa l-possibilta' li l-hgieg jibda' jingabar iktar ta' spiss minhabba li jhoss li darba fix-xahar ma kienx bizzejjed. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-GreenMT kienu jafu bis-sitwazzjoni u li kien ghalhekk li l-kumpanija pproponiet li taghmel bins apposta ghalhekk.

9.24 Is-Sindku Davina Sammut qalet li l-GreenMT kienu wkoll offrew persuna biex toqghod ghassa mal-iskips sabiex ma jintremiex skart iehor li ma jkunx hgieg f'dawn il-kontenituri.

9.25 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li ghandu dubbji kemm ir-residenti juzaw il-bring-in sites u ghalhekk ippropona li l-Kunsill jikkunsidra kwistjonarju zghir li jitqassam mac-cirkolari dwar l-uzu tal-bring-in sites. Huwa qal li dan jghin sabiex jidentifika kemm ghandhom informazzjoni n-nies dwar dan is-servizz kif ukoll biex jiddetermina liem zona ta' bring in sites tintuza l-iktar, fost affarijiet ohra. Il-Kunsill qabel.

9.26 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li jkun tajjeb ukoll li nabbinaw dan l-istharrig mal-pagna tal-Facebook. Il-Kunsill qabel.

9.27 Is-Sindku Davina Sammut qalet li hi taqbel li l-kuntatt mar-residenti ghandu jkun wiehed tajjeb kif ukoll wiehed frekwenti. Hija ssuggeriet li fic-cirkolari ghandha tingibed ukoll l-attenzjoni ghall-loqom tas-sigaretti sabiex ma jintremewx barra. Il-Kunsill qabel.

## 10.0 Genna ta` Gonna…u Hafna Aktar!!!

10.1 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien ra l-applikazzjoni li saret mill-Kunsill rigward din l-attivita' u saqsa jekk il-Kunsill kienx obbligat li jorganizza din l-attivita' f'Ottubru.

10.2 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li jekk ikun hemm qbil, il-Kunsill seta' jikteb lid-DLG u jitlob emenda fid-data.

10.3 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li flimkien mal-Vici Sindku Ivan Hallett, kien gie diskuss li din l-attivita' issir qabel ghal habta ta' Settembru u dan biex il-Kunsill ikun jista' jinvolvi l-ghaqdiet lokali kif ukoll jintegra l-attivita' ma' dik tal-Florianafest. Huwa ppropona wkoll li jintuza l-Fosos fejn l-ghaqdiet jigu offruti jarmaw bi stand dakinhar tal-attivita'.

10.4 Is-Sindku Davina Sammut issuggeriet li l-Kunsill ma jippromwovix biss il-lokalita' filghodu izda ghandu jikkunsidra li jippromwovi l-lokalita' filghaxija.

10.5 Il-Kunsillier Matthew Paris qal li hu kien tkellem mal-V18 li kienu wrew interess fl-attivita' kif ukoll kienu lesti joffru l-ghajnuna taghhom. Huwa ppropona li ssir laqgha inizjali ma' Jason Micallef sabiex jara x'tip ta' ghajnuna lesti joffru. Il-Kunsill qabel.

10.6 Is-Sindku Davina Sammut qalet li hemm bzonn li jintalbu sponsorships minhabba li l-Kunsill m'ghadux f'pozizzjoni li jiffinanzja attivitajiet bhalma kien qabel.

10.7 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li dan jiddependi fuq meta ser tittella' l-attivita' minhabba li f'Ottubru ser ikun hemm riskju ikbar ta' maltemp u ma jhossx li jkun gust fuq l-isponsors li l-attivita' ma tkunx ta' success minhabba l-maltemp.

10.8 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha tigi diskussa mill-kunsillieri responsabbli mill-attivitajiet sabiex ikunu jistghu johorgu bi proposta li tigi pprezentata lill-Kunsill.

10.9 Is-Sindku Davina Sammut fakkret lill-Kunsill bil-proposta tal-Wasteserv li kienu offrew is-servizzi taghhom ghal din l-attivita'.

## 11.0 Muzew fil-Floriana

11.1 Is-Sindku Davina Sammut ghamlet riferenza ghal dak li kien gie deciz fl-ahhar kunsill fejn il-kunsill kien laqa' l-offerta' tas-Sur Ray Debono Roberts biex isir muzew fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill.

11.2 Is-Sindku Davina Sammut qalet li s-Sur Ray Debono Roberts kien stabilixxa kollox u kien ghad fadal l-ahhar ftit affarijiet x'isiru qabel ma jkun jista' jinfetah dan il-muzew.

11.3 Is-Sindku Davina Sammut issuggeriet li l-Kunsill jistieden lis-Sur Debono Roberts ghal laqgha sabiex ikun jista' jaghti prezentazzjoni dwar fhiex ser ikun jikkonsisti dan il-muzew. Il-Kunsill qabel li ghandu jitolbu laqgha fil-mument opportun.

11.4 Is-Sindku Davina Sammut pproponiet ukoll li l-muzew jinfetah fl-attivita' ta' Genna ta' Gonna...u hafna aktar!! Il-Kunsill qabel.

## 12.0 Attivita' tal-Milied fuq il-Fosos

12.1 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill bi proposta mressqa minn Justin Haber sabiex tittella' attivita' simili ta' Christmas Market fil-Floriana fi zmien il-Milied.

12.2 Is-Sindku Davina Sammut qalet li ghandha tinforma lill-Kunsill appena jkollha d-dettalji tal-laqgha li ser tinzamm. Nel frattemp il-Kunsill approva t-talba tas-Sur Haber li jirriserva l-Fosos bejn l-1 ta' Dicembru 2015 u l-ewwel gimgha ta' Jannar 2016.

12.3 Il-Kunsillier Matthew Paris fakkar li l-permess finali jrid johrog mill-Pulizija u ghalhekk il-Kunsill kien ser jaghti biss in-no objection tieghu.

## 13.0 Centru Rikreattiv re Gorg V

13.1 Is-Sindku Davina Sammut fethet il-materja billi qalet li kien hemm bzonn li ssir manutenzjoni tal-fence tal-piccijiet li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V.

**Nota: 19:15 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

13.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa jekk il-picc hux imdawwal sew u jekk setghux jizdiedu l-kameras tas-sigurta'.

13.3 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-bandli kien imdawwal mhux hazin izda kien difficli li wiehed izid il-kameras tas-sigurta' u dan minhabba li jkun hemm bzonn li tinqala' l-art biex ikunu jistghu jghaddu l-wires.

13.4 Is-Sindku Davina Sammut qalet li tinsab informata li minn xi bokka, kienet hierga riha qawwija. Hija talbet li jsir xi haga sabiex is-sitwazzjoni titranga. Il-Kunsill qabel li ghandu jinzel fuq il-post u jara.

**Nota: 19:17 Il-Kunsillier Matthew Paris irritorna ghal-laqgha.**

13.5 Is-Sindku Davina Sammut ghamlet riferenza ghal-latrini pubblici li hemm fic-Centru

Rikreattiv ir-Re Gorg V u pproponiet biex bhalma jsir b'mod annwali, il-Kunsill jitlob servizz ta' attendant ghal mal-latrini. Hija qalet li fis-snin ta' qabel il-Kunsill kien qed ihallas €1000 ghal tnax-il gimgha.

13.6 Is-Sindku ziedet tghid li l-Kunsill kien tkellem mas-sidien tal-gabbana sabiex jara jekk kienux interessati joffru dan is-servizz u huma kienu accettaw li joffru servizz ta' attendant ghal €1000 li jkopri l-perjodu kollu tal-ftuh sal-gheluq tal-gabbana.

13.7 Il-Vici Sindku Ivan Hallett saqsa jekk kienx ser jithalla persuna ghassa mal-latrini b'mod kontinwu u saqsa wkoll jekk isir att vandalu, jekk l-ispiza kinietx ser titnaqqas mill-ammont dovut lil persuni in kwistjoni. Is-Sindku Davina Sammut qalet li spejjez relatati ma' atti vandali dejjem thallsu mill-Kunsill u mhux mill-kuntrattur.

13.8 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li jekk ikun hemm persuna prezenti b'mod kontinwu, dan seta' jaghmel ghassa ahjar u jaqbad lill-vandalu mill-ewwel.

13.9 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li s'issa il-persuni in kwistjoni kienu diga ressqu tliet rapporti ta' kazijiet vandali minkejja li ma kellhomx interess fil-latrini precedentement.

13.10 Il-Kunsill qabel b'mod unanimu li ghandu jitlob lis-sidien tal-gabbana jipprovdu attendant ghal mal-latrini li hemm fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V ghall-perjodu li jkopri mil-ftuh sal-gheluq tal-gabbana, ghall-prezz ta' €1000.

13.11 Is-Sindku Davina Sammut qalet li hemm bzonn li jinbidel it-turf tal-picc. Hija pproponiet li tintalab l-ghajnuna tal-Segretarju Parlamentari ghaz-Zghazagh u Sports sabiex it-turf ikun jista' jinbidel. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

13.12 Il-Vici Sindku Ivan Hallett saqsa jekk setghetx tintalab l-ghajnuna tal-MFA. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li l-MFA tghin biss jekk ikun hemm klabb involut.

13.13 Is-Sindku Davina Sammut qalet li s-Sur Justin Haber kien wera x-xewqa li jkopri l-ispiza tal-bidla fit-turf hu stess izda dan kien se jgib mieghu kundizzjonijiet.

13.14 Is-Sindku Davina Sammut ghamlet riferenza ghas-sitwazzjoni tad-dawl fi Gnien Sir Luigi Preziosi u qalet li li din il-problema kienet ilha hafna tippersisti u ghalhekk kien hemm bzonn li tinstab soluzzjoni. Hija pproponiet li l-Kunsill jitlob lin-Nexos Street Lighting sabiex jinvestiga s-sitwazzjoni u tinstab soluzzjoni ghal dak li qed jikkawza l-problema.

13.15 Is-Segretarju Ezekuttiv fakkar fl-arlogg li hemm fil-gnien li wkoll kien bil-hsara kif ukoll fil-floodlight li hemm mal-bieb-il kbir.

13.16 Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob stima ghal dawn it-tliet proposti.

## 14.0 Traffiku u Parkegg

14.1 Is-Sindku Davina Sammut qalet li t-traffiku u parkegg kienet problema ohra persistenti fil-lokalita'. Hija qalet li s-sitwazzjoni prezenti kellha bzonn li titranga ghax ma kinietx qed tahdem kif suppost.

14.2 Il-Kunsillier James Aaron Ellul saqsa ghalfejn il-Park & Ride ma kinietx tieqaf fil-Floriana izda kienet tibqa' diehla direttament il-Belt Valletta. Il-Kunsillier Matthew Paris qal li din kienet materja li diga kienet giet diskussa maghhom f'kunsill precedenti. Minkejja dan il-Kunsill qabel li ghandu jerga' jitkellem ma' Transport Malta dwar dan.

14.3 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill li l-pozizzjoni ta' Authorised Officer kienet giet moghtija lis-Segretarju Ezekuttiv tar-Regjun Xlokk. Hija qalet li hi kienet thossha ddizappuntata a kwantu tal-gwardjani lokali minhabba li din is-sistema ma kinietx qed tiffunzjona kif pjanat. Hija qalet li kienet tkellmet mal-Authorised Officer sabiex jigu ttrattati xi punti.

14.4 Il-Kunsillier Vincent Borg esiega li l-gwardjani lokali ghandhom dejjem jimxu bl-istess mod ma' kulhadd u mhux jaghlqu ghajnejhom ma' certu persuni biss.

14.5 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li hu ma jaqbilx li l-gwardjani lokali ghandhom jinzlu jharrku hdejn l-isptar Sir Paul Boffa.

14.6 Il-Kunsillier Borg qal li ma jaqbilx mas-suggeriment tal-Vici Sindku u qal li l-Kunsill kien ipprovda ammont ta' spazji ta' parkegg riservati ghall-pazjenti tal-isptar. Huwa zied jghid li ma kinietx l-ewwel darba li jcemplulu mill-isptar stess li ma tistax tidhol l-ambulanza minhabba l-vetturi pparkjati illegalment.

## <u>15.0 Latrini Pubblici hdejn Bieb il-Bombi</u>

15.1 Is-Sindku Davina Sammut qalet li tinsab informata li kienu qed jintalbu kwotazzjonijiet sabiex dawn il-latrini jigu rrangati b'mod immedjat.

## <u>16.0 Evalwazzjoni ta' Offerti</u>

16.1 Is-Sindku Davina Sammut fethet il-materja billi nformat lill-Kunsill li kien hemm zewg sejhiet ghall-offerti li riedu jigu evalwati.

16.2 Is-Sindku Davina Sammut qalet li rigward is-sejha tal-offerti ghal manutenzjoni ta' soft areas, il-Kunsill irid jiddetermina kemm kienu ser jintefqu fi pjanti.

16.3 Is-Sindku Davina Sammut qalet li s-sejha ghall-offerti ghat-tindif tal-gonna kienu qed johorgu bil-kriterji tal-Green Public Procurement.

16.4 Is-Sindku Davina Sammut kompliet billi qalet li l-Kunsill kien qed jistenna minghand l-MCCAA sabiex jinnominaw espert. Hija pproponiet sabiex tinghata estensjoni lill-kuntrattur prezenti sakemm issir l-aggudikazzjoni tat-tenders. Il-Kunsill qabel.

**<u>Nota: 19:40 Il-Kunsillier Matthew Paris talab li jkun skuzat.</u>**

## <u>17.0 Progett ta` Taht il-Forka</u>

17.1 Is-Sindku Davina Sammut fethet id-diskussjoni billi ghamlet riferenza ghall-progett ta' taht il-Forka.

17.2 Hija qalet li kienet saret site visit u li l-Kunsill kien tkellem mal-Perit tal-AFM.

17.3 Is-Sindku ghamlet riferenza ghall-kwistjoni tal-puntuni li kienu thallew hemmhekk min-naha tal-Vikings Sailing Club u qalet li kienet tkellmet mal-Pulzija li min-naha taghhom talbu lill-klabb sabiex inehhi l-puntuni.

17.4 Hija hadet l-opportunita' sabiex tirringrazzja lis-Supretendent li matul dak ix-xahar kien t'ghajnuna kbir ghall-Kunsill.

17.5 Is-Sindku Davina Sammut qalet li kien hemm bzonn li tigi mghoddija komunikazzjoni minn taht u pproponiet li l-Kunsill jitkellem man-Nexos.

17.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ippropona biex minflok il-Kunsill ikellem lill-Forzi Armati biex jergghu jghaddu il-connections huma.

17.7 Is-Sindku Davina Sammut ipproponiet li l-Kunsill imur fuq il-post u jiltaqa' ma' rapprezentant tal-Enemalta sabiex jigi diskuss minn fejn jista' jghaddi d-dawl.

17.8 Il-Vici Sindku Ivan Hallett saqsa jekk kienux ser isiru l-bankijiet. Is-Sindku Davina Sammut Hili wiegbet li dik il-materja kellha tigi deciza wara li jitlesta l-progett.

## 18.0 Attivita Sajfija mal-Ghaqdiet

18.1 Is-Sindku Davina Sammut informat lill-Kunsill li kienet giet avvicinata minn kantant Furjaniz sabiex tittella' attivita' fis-Sajf. Hija kompliet billi qalet li ma kienux gew diskussi l-ispejjez relatati.

18.2 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li ma jaghmilx sens li l-Kunsill ihallas ghal din l-attivita' ladarba ghall-Florianafest il-Kunsill kien qabel li jgib sponsorships. Ghalhekk huwa ssuggerixxa li z-zewg attivitajiet isiru f'wahda sabiex l-isponsorships ikopru z-zewg attivitajiet. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

18.3 Is-Sindku Davina Sammut qalet li ma kienx hemm hsieb li ssir il-Florianafest qabel u talbet li l-Kunsill izomm f'mohhu li ma kienx hemm bizzejjed finanzi biex isiru attivitajiet zejda.

18.4 Il-Vici Sindku Ivan Hallett saqsa jekk hux ser ikun hemm bzonn li jintalbu sponsorships ghal kull attivita' li ssir mill-Kunsill. Huwa ghamel riferenza ghall-attivita' ta' St Patrick's Day u saqsa jekk il-Kunsill kienx iffinanzja din l-attivita' hu jew jekk kienux gew mitluba sponsorships. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li s-St Patrick's Day kienet attivita' mnizzla fil-kalendarju tal-Kunsill u ghalhekk kien hemm fondi allokati ghaliha.

**<u>Nota: 19:52 Il-Kunsillier Matthew Paris reqa' attenda ghal-laqgha.</u>**

18.5 Il-Kunsillier Vincent Borg qal hemm tliet attivitajiet li jhallas il-Kunsill li huma Genna ta' Gonna, il-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat u St Patrick's Day. Huwa qal li l-Kunsill gieli jippartecipa f'attivitajiet ohrajn izda ma jfissirx li jiffinanzjahom hu.

18.6 Il-Vici Sindku Ivan Hallett qal li kien minghalih li l-Florianafest tithallas mill-Kunsill.

18.7 Is-Sindku Davina Sammut qalet li jekk issir l-attivita' msemmija mill-kantant, allura l-Kunsill ghandu jaghmel mezz sabiex jigu nvoluti l-ghaqdiet kollha.

18.8 Wara diskussjonijiet, il-Kunsill qabel li joffri lill-kantant sabiex jippartecipa f'Genna ta' Gonna u jara jekk kienx lest jippartecipa f'dik l-attivita'.

## 19.0 Aggornament tal-laqgha

19.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar il-Erbgha 10 ta' Gunju fil-5.30pm.

Il-laqgha ntemmet fit-20.00.

Davina Sammut
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv